MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

## Illum 28 ta' Diċembru, 2016

Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1765/16:

**Emanuel Cordina (bil-karta tal-Identità Numru 200981M)**
**ta' 13, Triq Erin Serracino Inglott, Cospicua**

**vs.**

**Paul Vella, pensjonant, bin il-mejtin Grazio Vella u Francesca Vella née Fenech, imwieled ir-Rabat (Malta) fit-22 ta' Ġunju, 1942 u residenti 'Lelluxa', Triq Balaguer, Balzan, bil-karta tal-identità Numru 362242M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn **Emanuel Cordina** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent") fejn jintqal dan li ġej:

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari:*

1. *Kwint (1/5) indiviż ta' raba' bil-kejl ta' ċirka ħamest itmiem (ekwivalenti għal circa 5,620 metru kwadru) formanti parti mill-għalqa imsejħa 'Ta'*

*Bur is-Samm', kontrada tal-Imbordin, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, tikkonfina mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, min-Nofsinhar ma' raba' ta' Antonio Cassar Torreggiani jew suċċessuri tiegħu fit-titolu u mil-Lvant ma' proprjetà tal-eredi ta' Leonard Fenech jew suċċessuri fit-titolu tagħhom, bil-komunjoni tal-ispiera li tinsab fuq porzjon diviża oħra mill-istess art magħrufa bħala 'Ta' Bur is-Samm' li l-intimat wiret mingħand id-defunta ommu Francesca Vella, u liema proprjetà ġiet debitament dikjarata fl-att ta' trasferiment causa mortis datat 23 ta' Ġunju, 2006 in atti Nutar Dr. Margaret Heywood LL.D.;*

2. *(a) Biċċa art fabbrikabbli mill-għalqa 'taz-Zokkri' u tagħmel parti mit-terren 'tal-Gozzu' fil-limiti ta' Ħal Balzan tal-kejl ta' circa sittin qasba kwadra, libera u franka, u (b) biċċa art mill-għalqa "tal-Bosiu" fil-limiti ta' Ħal Balzan [illi hija kontgwa għal dik indikata f'paragrafu (a) soġġetta għal ċens u subċens annwu u perpetwu, liema biċċa art għandha kejl ta' ħamsa punt deċimali ħamsa (5.5) qasab kwadri, liema żewġ biċċiet art kontigwi għal xulxin [u ċioè dik deskritta f'paragrafu (a) u dik deskritta f'paragrafu (b)] minn Nofsinhar ma' dik li kienet triq ġdida proġettata mingħajr isem, mil-Lvant ma' beni ta' Joseph Cini jew suċċessuri fit-titolu tiegħu u mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Vassallo u Joseph Grech jew suċċessuri fit-titolu tagħhom, liema żewġ biċċiet art l-intimat kien xtara u akkwista permezz ta' kuntratt pubbliku datat 14 ta' Frar, 1973 in atti Nutar Angelo Sammut, u kwalsiasi benefikati mibnija fuq l-imsemmija żewġ biċċiet art inkluż il-fond residenzjali tal-istess intimat bl-isem 'Lelluxa' fi Triq Balaguer, Balzan.*

*Illi r-rikorrent Emanuel Cordina ppreżenta kawża għad-danni kontra l-intimat Paul Vella [kawża fl-ismijiet 'Emanuel Cordina -vs- Paul Vella' (Rikors Ġuramentat Numru 750/2016LM) li tinsab differita għall-provi tar-rikorrent għall-udjenza tal-20 ta' Jannar, 2017 quddiem din l-Onorabbli Qorti kif preseduta mill-Onor. Imħallef Dr Lawrence Mintoff LL.D.] li permezz tagħha huwa talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara illi l-intimat huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fil-5 ta' Diċembru, 2013 meta waqt li r-rikorrent kien qed jaħdem fil-fond residenzjali tal-Perit Albert Fenech f'103, Triq il-Wied ta' Ħal Balzan, Balzan, l-intimat bi traskuraġni u negliġenza da parti tiegħu, baqa' dieħel fis-sellum forċina li kien jinsab fuqu l-esponenti u b'riżultat ta' dan l-esponenti waqa' minn fuq l-imsemmi sellum u weġġa' serjament.*

*Illi kawża ta' dan l-inċident l-esponent sofra ġrieħi serji u diżabilità permanenti ta' għaxra fil-mija (10%) kif ċertifikat minn Mr. Thomas Azzopardi MD FRCS (Tr & Orth) [vide Dok. 'A' anness] u sofra danni kbar tant illi lanqas seta' jkompli jaħdem għal rasu (self-employed) bħala maintenance person, għamel żmien ma jaħdimx u llum kellu jimpjega ruħu b'paga minima jagħmel light duties.*

*Illi permezz ta' 'l fuq imsemmija kawża l-esponent talab ukoll lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tillikwida d-danni kollha li huwa sofra u sabiex tikkundanna lill-intimat biex iħallsu d-danni li jiġu hekk likwidati.*

*Illi r-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha toħroġ dan il-mandat provviżorjament a tenur tal-artikolui 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u sussegwentement tilqa' dan il-mandat b'mod definittiv a tenur tas-subinċiżi (2) u (3) tal-imsemmi Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi fin-nuqqas t'akkoljiment ta' dan l-umli rikors ir-rikorrent jista' jsofri preġudizzju irrimedjabbli għaliex jista;' jseħħ li l-intimat jittrasferixxi l-beni fuq imsemmija fil-mori tas-smigħ tal-kawża u b'hekk wara li r-rikorrent jottjeni titolu eżekuttiv permezz ta' sentenza definittiva huma ma jkollux fuq xiex jeżegwixxi tali titolu eżekuttiv.*

Rat id-digriet tagħha tat-29 ta' Novembru, 2016 li bih laqgħet it-talba provviżorjament, irriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għall-15 ta' Diċembru, 2016, b'dan li ordnat in-notifika tar-rikors u tad-digriet lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, lir-Reġistratur tal-Artijiet u lill-intimat Paul Vella, liema intimat ingħata sat-12 ta' Diċembru, 2016 għar-risposta.

Rat ir-Risposta ppreżentata fid-9 ta' Diċembru, 2016 mill-intimat **Paul Vella** (minn issa 'l quddiem "l-intimat") li tgħid kif ġej:

*Illi t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-esponent biex ma jiddisponix mill-proprjetà indikata mir-rikorrent, ma għandhiex tiġi milqugħa, kemm għaliex l-esponent ma kienx kaġun tal-waqgħa tar-rikorrent minn fuq forċi domestiku, fil-5 ta' Diċembru, 2013, kif ukoll għar-raġunijiet segwenti:*

*a) L-iskop tat-talba huwa vessatorju u intimidatorju stante li l-esponent ma hux responsabbli, skont il-liġi, jiġifieri l-provvedimenti tal-Occupational Health and Saftey Act (Chapter 424) u tar-regolamenti sussidjarji S.L. 424.18, għad-danni li r-rikorrent seta' ġarrab meta waqa' minn fuq il-forċi domestiku fil-5 ta' Diċembru, 2013;*

*b) Ma kienx l-esponent li inkariga lir-rikorrent jagħmel ix-xogħol li dan kien qed jagħmel fid-dar nru. 103, Triq il-Wied ta' Ħal Balzan, fil-5 ta' Diċembru, 2012;*

*c) Ma kienx l-esponent, skont il-liġi, li jipprodi lir-rikorrent armar adegwat u "safe" għax-xogħol li r-rikorrent kien qed jagħmel meta waqa' minn fuq forċi domestiku, fil-5 ta' Diċembru, 2013;*

*d) Lanqas ma kien l-esponent responsabbli skont il-liġi, li jittieħdu l-miżuri prekawzjonali u protettivi fir-rigward tax-xogħol li r-rikorrent kien qed jagħmel fil-5 ta' Diċembru, 2013.*

*Illi apparti l-premess u mingħajr aċċettazzjoni tar-responsabbiltà għad-danni pretiżi, l-ammont mitlub li jkun ikkawtelat ġie iffissat arbitrarjament u mingħajr indikazzjoni ta' kif ġie ikkalkolat.*

*Illi wkoll apparti l-premess u mingħajr aċċettazzjoni tar-responsabbiltà għad-danni pretiżi, il-valur tal-proprjetà tal-esponent indikata biex ma tkunx aljenata, hija sproporzjonata għas-somma indikata biex tiġi ikkawtelata, ċioè 36,000 euro, u dan il-fatt ikun ta' preġudizzju għall-esponent.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob li t-talba rikorrenti ma tiġix milqugħa.*

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-kontendenti.

Rat l-atti kollha tar-Rikors, inkluż il-provi dokumentali mressqin mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-15 ta' Diċembru, 2016, f'liema data l-Qorti ħalliet ir-Rikors għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrent qiegħed jitlob għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni abbażi tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-sub-artikoli (1) u (2) tal-Artikolu 874 jgħidu:

"874. (1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-

> kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.
>
> (2) Meta mandat jipprojbixxi l-bejgħ, it-trasferiment jew it-tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli, ir-rikors għandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-persuna li jinħareġ kontriha u li huma meħtieġa mil-liġi dwar ir-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli minn dik il-persuna fir-Reġistru Pubbliku. Fejn il-mandat jirreferi għall-immobbli speċifiċi, dawn għandhom jiġu deskritti fir-rikors, bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, dwar noti tal-iskrizzjoni, jiġifieri li din għandha sseħħ b'referenza għad-data ġeografika inkwistjoni. Meta r-rikors jirreferi għal proprjetà immobbli speċifika għandu wkoll ikollu mehmuż miegħu abbozz sħiħ tan-nota ta' iskrizzjoni biex tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku."

Is-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 873 jispeċifika:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni sabiex ir-rikorrent jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* b'titolu onerż jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari: 1. Kwint indiviż ta' porzjon diviża ta' raba' bil-kejl ta' ċirka 5,620 metru kwadru formanti parti mill-għalqa imsejħa "Ta' Bur is-Samm", kontrada tal-Imbordin, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, tikkonfina mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, min-Nofsinhar ma' raba' ta' Antonio Cassar Torreggiani jew suċċessuri tiegħu fit-titolu u mil-Lvant ma' proprjetà tal-eredi ta' Leonard Fenech jew suċċessuri fit-titolu tagħhom, bil-komunjoni tal-ispiera li tinsab fuq porzjon diviża mill-istess art magħrufa bħala "Ta' Bur is-Samm" li l-intimat wiret mingħand id-defunta ommu Francesca Vella, u liema proprjetà ġiet debitament dikjarata fl-att ta' trasferiment *causa mortis* datat 23 ta' Ġunju, 2006 in atti Nutar Margaret Heywood LL.D.; u 2. (a) Biċċa art fabrikabbli mill-għalqa "taż-Żokkri" u tagħmel parti mit-terren "tal-Gozzu" fil-limiti ta' Ħal Balzan tal-kejl ta' ċirka sittin qasba

kwadru, libera u franka, u (b) biċċa art mill-għalqa "tal-Bosiu" fil-limiti ta' Ħal Balzan, kontigwa ma' dik indikata fil-paragrafu 2 (a), soġġetta għal ċens u subċens annwu u perpetwu, liema biċċa art għandha kejl ta' 5.5 qasab kwadri, liema żewġ biċċiet art kontigwi jikkonfinaw minn Nofsinhar ma' dik li kienet triq ġdida proġettata mingħajr isem, mil-Lvant ma' beni ta' Joseph Cini jew suċċessuri fit-titolu tiegħu u mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Vassallo u Joseph Grech jew suċċessuri fit-titoli tagħhom, liema żewġ biċċiet art l-intimat kien xtara u akkwista permezz ta' kuntratt pubbliku datat 14 ta' Frar 1973 in atti Nutar Dottor Angelo Sammut u kwalsiasi benefikati mibnija fuq l-imsemmija żewġ biċċiet art inkluż il-fond residenzjali tal-istess intimat bl-isem "Lelluxa" fi Triq Balaguer, Balzan; u dan biex l-istess rikorrent jikkawtela l-kreditu pretiż minnu (konsistenti f'allegati danni) fil-kawża minnu istitwita kontra l-intimat[1] fejn qed iżomm lill-istess intimat responsabbli għad-danni minnu sofferti meta l-istess rikorrent waqa' minn sellum forċina waqt xogħol fi proprjetà ta' terzi minħabba li l-intimat allegattament bi traskuraġni u negliġenza baqa' dieħel f'dan is-sellum. Dawn id-danni ġew kwantifikati mir-rikorrent għall-iskop tal-Mandat fl-ammont ta' €36,000 wara li r-rikorrent ġie ċċertifikat mill-konsulent *ex parte* Thomas Azzopardi, Consultant Orthopaedic Surgeon, li kien qed isofri minn diżabilità ta' 10%.[2]

Fir-risposta tiegħu l-intimat jinnega li hu kien kaġun tal-waqgħa. Però l-Qorti f'dan l-istadju la ser tiddeċiedi il-mertu, u ċjoè jekk effettivament ġewx ikkawżati jew le danni bl-azzjoni tal-konvenut u lanqas jekk, ir-rikorrent min-naħa l-oħra għandux xi ċertezza ta' suċċess jew le fl-eżitu tal-kawża li fetaħ. Dak li għandha quddiemha l-Qorti f'din il-proċedura huwa r-Rikors Maħluf ippreżentat mir-rikorrent fejn iddikjara bil-ġurament illi kien l-intimat li daħal

[1] Fl-ismijiet **Emanuel Cordina vs. Paul Vella** (Rik. Ġuramentat Nru. 750/2016LM), quddiem din l-istess Qorti kif preseduta.
[2] A fol. 8 sa 12 tal-proċess.

fis-sellum forċina waqt li hu kien fuqu u waqqgħu. Il-Qorti għandha wkoll quddiemha rapport mediku *ex-parte* dwar id-danni allegatament sofferti mir-rikorrent fl-inċident inkwistjoni. Il-Qorti għalhekk tqis illi fuq bażi *prima facie*, saret il-prova mal-ewwel daqqa t'għajn tad-dritt pretiż mir-rikorrent.

Illi l-intimat imbagħad isostni li r-Rikors hu frivolu u vessatorju minħabba li skont hu, ma kienx hu li inkariga lir-rikorrent bix-xogħol li kien qed jagħmel, li ma kienx l-intimat responsabbli għas-saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol skont il-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta u il-Leġislazzjoni Sussidjarja Nru. S.L. 424.18, li ma kienx l-intimat li pprovda l-armar u li l-intimat ma kienx responsabbli li jittieħdu miżuri prekawzjonali fuq ix-xogħol li kien qed isir. Madankollu din il-Qorti tirravviża li xejn minn dan ma kien premess mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu.

Fl-aħħar nett l-intimat jirileva illi l-ammont pretiż ġie iffissat arbitrarjament mir-rikorrent u li fi kwalunkwe każ il-valur tal-proprjetà indikata biex ma tkunx aljenata hija sproporzjonata mas-somma pretiża ta' €36,000. Madankollu dwar din l-asserzjoni tiegħu, l-intimat ma ġab ebda prova.

Il-Qorti tixtieq tagħmel ċerti osservazzjonijiet ġenerali dwar il-ħruġ ta' mandati ta' inibizzjoni elaborati fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u li jistgħu jkunu applikabbli għall-każ odjern.

Illi l-iskop ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju għall-jeddijiet pretiżi mill-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-Mandat[3] u fil-każ odjern abbinat mal-Artikolu 874(1) hawn fuq imsemmi meta jkun ġie mitlub minn

[3] L-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12.

kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86), bħal f'dan il-każ, l-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali.

Illi skont l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti, ir-rikorrent irid juri li (i) il-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrent sejjer issofri preġudizzju irrimedjabbli u (ii) li huwa jidher li għandu *prima facie*, mad-daqqa ta' għajn, dawk il-jeddijiet pretiżi.[4] Dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

Il-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandu r-rikorrent iżda ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12, trid tara oġġettivament jekk ir-rikorrent għandux pretensjoni ta' jedd. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, kif diġà ngħad, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.[5]

Barra minn hekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kriterji oġġettivi[6] u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta' din ix-

[4] Qorti tal-Kummerċ, 26.05.1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pullicino *noe* vs. Caruana Curran *noe et*** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).
[5] PA, 27.11.2014, **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph**.
[6] QA, **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** (Kollez. Vol: LXXII.ii.290).

xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata.

L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.[7] Minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali.[8]

Illi l-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-pretensjoni ta' jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tfittix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[9]

Illi fil-każ odjern, r-rikorrent jidher li għandu *prima facie*, mad-daqqa ta' għajn, dawk il-jeddijiet pretiżi. Kif ġie enunzjat fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, ma

[7] PA, 2.1.1993 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Avukat Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et *noe***.
[8] PA, 11.3.2003 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **IWT Group Malta Ltd vs. Direttur Ġenerali tal-Kuntratti *et***.
[9] PA, 27.11.2014, **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph**.

jfissirx li dawn il-jeddijiet huma ċerti u l-Qorti f'dan l-eżami fuq livell *prima facie*, s'hawnhekk għandha tasal u fil-fatt għandha tieqaf hawn.

Dan l-element tad-dritt irid ukoll jiġi abbinat (kumulattiv) ma' jekk il-Mandat huwiex meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu ir-rikorrent sejjer isofri preġudizzju irrimedjabbli.

Illi fir-rigward tal-eżami li għandu jsir qabel il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji, illum huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-grad tal-prova meħtieġ huwa biss dak sa *prima facie*. Huwa ovvju dana meta għandha tkun il-Qorti vestita bil-kawża proprja in sostenn tal-istess att kawtelatorju, li wara eżami akkurat tal-provi lilha miġjuba tiddetermina finalment l-eżitu tal-vertenza. Dan anki dwar it-tieni l-element tan-neċessità tad-dritt u l-preġudizzju irrimedjabbli. Dan jgħodd kemm fejn qed jintalab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, kemm jekk tintalab r-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni.

Insibu dan il-prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna:

> "Il-Qrati taghna enunċjaw prinċipji importanti fir-rigward ta' kawżi dwar ir-revoka ta' Mandati Kawtelatorji fejn l-eżami li hija mistennija illi tagħmel il-Qorti huwa wieħed *prima facie*. Illi fil-kawża fl-ismijiet **Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et** tas-26 ta' April 2002 per Onor. Imhallef Dr. G. Camilleri, intqal hekk:
>
> "Skont l-artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap. 12, jista' jiġi nvokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv jew jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieġ jew ġustifikabbli. **L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wieħed *prima facie*** (emfasi ta' din il-Qorti)."[10]

[10] PA, 15.07.2015 **Conrad Borg vs. De La Rue Currency Print Limited *et*.**

L-istess prinċipju ġie stabbilit fid-digriet fl-ismijiet **Josephine Sammut vs. Emmanuel Sammut et**:[11]

> "Li mid-disposizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie*, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawza proprja".

Illi t-talba odjerna li qed issir f'livell *prima facie* għandha l-għan li l-assi immobbli tal-intimat jinżammu fil-pussess tiegħu sat-tmiem tal-kawża proprja dwar il-mertu. L-intimat ma ġab ebda garanzija li fl-eventwalità ta' eżitu sfavorevoli għalih huwa jista' jagħmel tajjeb mod ieħor għad-danni allegati. Għalhekk il-Qorti tqis illi fil-każ odjern l-element tan-neċessità u tal-irrimedjabbilità ġie suffiċjentement ippruvat. Madankollu peress lil fir-Rikors odjern ir-rikorrent qiegħed jitlob bħala kawtela għad-dritt pretiż minnu li jiġi miżmum it-trasferiment eċċ ta' "xi proprjetà u b'mod partikolari 1 u 2", imsemmija aktar 'l fuq, dan kollu s'intendi qiegħed jingħad u għandu jgħodd biss għar-rigward taż-żewġ proprjetajiet speċifikatament imsemmija fir-Rikors odjern u ċertament m'għandux jgħodd ukoll għal kwalunkwe proprjetà immobbli oħra li jista' għandu l-intimat. Din il-Qorti qatt mhu ser taċċetta talbiet għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni imsejsa b'mod vag fuq kwalunkwe proprjetajiet li l-intimat jista' ikollu.

Illi barra minn hekk proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd pretiż. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni

[11] PA, 29.11.2001.

għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta’ dritt, anke jekk din tista’ ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le. Il-Qorti trid tagħmilha ċara wkoll illi ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tintlaqa’, ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix.[12]

Illi fi kwalunkwe każ dawn il-proċeduri huma ta’ natura sommarja u fuq livell *prima facie* u mhumiex maħsuba sabiex jiġu ttrattatti kwistjonijiet bħal jekk hemmx garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta’ min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista’ għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni. Kwistjonijiet bħal dawn għandhom jiġu ttrattati fl-ambitu u ai termini tal-proċedura apposita regolata bl-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija tqis illi *prima facie*, mad-daqqa ta’ għajn, ir-rikorrent jidher li għandu jedd pretiż x’jiġi kkawtelat permezz tal-Mandat u għalhekk il-Qorti tilqa’ b’mod definittiv it-talba għal ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni iżda biss fir-rigward taż-żewġ proprjetajiet speċifikatament imsemmija fir-Rikors u ċjoè:**

**1. Kwint indiviż ta’ porzjon diviża ta’ raba’ bil-kejl ta’ ċirka 5,620 metru kwadru formanti parti mill-għalqa imsejħa “Ta’ Bur is-Samm”, kontrada tal-Imbordin, fil-limiti ta’ San Pawl il-Baħar, tikkonfina mit-Tramuntana ma’ proprjetà tal-Gvern, min-Nofsinhar ma’ raba’ ta’ Antonio Cassar Torreggiani jew suċċessuri tiegħu fit-titolu u mil-Lvant ma’ proprjetà tal-eredi ta’ Leonard Fenech jew suċċessuri fit-titolu tagħhom, bil-komunjoni tal-ispiera li tinsab**

[12] PA, 25.01.2005 **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici**.

**fuq porzjon diviża mill-istess art magħrufa bħala "Ta' Bur is-Samm" li l-intimat wiret mingħand id-defunta ommu Francesca Vella, u liema proprjetà ġiet debitament dikjarata fl-att ta' trasferiment *causa mortis* datat 23 ta' Ġunju, 2006 in atti Nutar Margaret Heywood LL.D.; u**

**2. Biċċa art fabrikabbli mill-għalqa "taż-Żokkri" u tagħmel parti mit-terren "tal-Gozzu" fil-limiti ta' Ħal Balzan tal-kejl ta' ċirka sittin qasba kwadru, libera u franka, u (b) biċċa art mill-għalqa "tal-Bosiu" fil-limiti ta' Ħal-Balzan, kontigwa ma' dik indikata fil-paragrafu 2 (a), soġġetta għal ċens u subċens annwu u perpetwu, liema biċċa art għandha kejl ta' 5.5 qasab kwadri, liema żewġ biċċiet art kontigwi jikkonfinaw minn Nofsinhar ma' dik li kienet triq ġdida proġettata mingħajr isem, mil-Lvant ma' beni ta' Joseph Cini jew suċċessuri fit-titolu tiegħu u mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Vassallo u Joseph Grech jew suċċessuri fit-titoli tagħhom, liema żewġ biċċiet art l-intimat kien xtara u akkwista permezz ta' kuntratt pubbliku datat 14 ta' Frar, 1973 in atti Nutar Dottor Angelo Sammut u kwalsiasi benefikati mibnija fuq l-imsemmija żewġ biċċiet art inkluż il-fond residenzjali tal-istess intimat bl-isem "Lelluxa" fi Triq Balaguer, Balzan.**

**Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja sabiex ai termini tal-Artikolu 874(3) tal-Kap. 12 jinnotifika fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet bl-atti ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu mill-intimat.**

Mogħti kameralment fit-28 ta’ Diċembru, 2016.